



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15076/23

CDR 177

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li taħtar membru
u membru supplenti,
proposti mir-Repubblika tal-Estonja,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Estonjan,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fl-14 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/689², li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmien il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Mart VÕRKLAEV sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Piret RAMMUL, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Il-Gvern Estonjan ippropona lis-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentanta ta' korp reġjonali jew lokali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Ħarku vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalitá Rurali ta' Ħarku), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/689 tal-14 ta' Marzu 2022 li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 128, 2.5.2022, p. 1).

- (6) Il-Gvern Estonjan ippropona lis-Sur Mikk JÄRV, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Kanepi vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Kanepi), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- Is-Sa Katrin KRAUSE, *Ħarku vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Ħarku),

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sur Mikk JÄRV, *Kanepi vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Kanepi),

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
